MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**
**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Illum 28 ta' Ottubru, 2020

Appell Inferjuri Numru: 139/2018LM

**Joseph Mary Farrugia bin-numru tal-karta tal-identita' 549039(M)**

***vs.***

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833) u Valletta Fund Management Limited (C18603) li mit-22 ta' Novembru 2016, bdiet tissejjaħ BOV Asset Management Ltd.**

**Il-Qorti,**

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' Settembru, 2020 fejn l-Avukat Peter Borg Costanzi għall-appellat Joseph Mary Farrugia (ID Nru. 549039 (M)) iddikjara li in vista tas-sentenzi li ngħataw f'kawżi oħra fejn l-istess mertu ta' dan l-appell ġie determinat minn din il-Qorti f'diversi kompożizzjonijiet, l-appellat irrinunzja għall-effetti tad-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji u dan in linea mal-imsemmija ġurisprudenza. Iddikjara ukoll li l-partijiet ftehmu li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa.

Tqis li la darba l-appellat ċeda l-ilment tiegħu mressaq quddiem l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji bin-numru 89/2017 u rrinunzja għall-effetti tad-deċiżjoni tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji fl-istess każ datata 12 ta' Settembru, 2018, u s-soċjetà appellanta irrinunzjat għat-talba għall-ispejjeż, il-Qorti tiddikjara illi l-

mertu ta' dan l-appell huwa eżawrit u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-atti ta' dan l-appell.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**